# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1217/2015/1 LM**

**Stephanie Pisani**

**v.**

**Jason Scicluna**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenut Jason Scicluna minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Ottubru, 2018 fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-23 ta' Diċembru, 2015, l-attriċi Stephanie Pisani fissret li fit-13 ta' Settembru, 2014 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar, hija kienet flimkien ma' xi nies oħra fil-bitħa interna ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, Ħaż-Żabbar, filwaqt illi l-konvenut kien fil-gallarija tal-istess każin.

3. Tfisser li waqt li l-konvenut kien qiegħed fil-gallarija tal-każin huwa waqa' għal ġol-bitħa u ġie fuq l-attriċi. Kawża ta' din il-waqgħa hija weġġgħet gravement u kellha tittieħed għall-kura l-isptar. Tkompli tfisser li tort ta' dan l-inċident hija sofriet danni konsistenti fl-ispejjeż li nkorriet u għadha tinkorri għall-kura tagħha u telf ta' lukru minħabba d-diżabilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%).

4. Tgħid li hija interpellat lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru, 2015 sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni iżda huwa baqa' inadempjenti.

5. Għaldaqstant l-attriċi fetħet il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru 2014 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm), ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, Żabbar, u li kawża tiegħu l-attriċi sofriet ġrieħi gravi fuq il-persuna tagħha, seħħ tort tal-konvenut minħabba negliġenza u imprudenza da parti tiegħu;*
>
> *2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-*

> *attriċi;*
>
> *3. Tillikwida l-istess danni kemm ta' natura damnum emergens kif ukoll ta' natura lucrum cessans occorrendo b'opera ta' periti nominandi;*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati."*

6. Il-konvenut Jason Scicluna laqa' għal dawn it-talbiet billi wieġeb fis-6 ta' Jannar, 2016: (i) li t-talbiet tal-attriċi huma irritwali għaliex m'hemmx talba dikjaratorja dwar l-allegata responsabilità tiegħu għall-inċident *de quo*; (ii) li huwa m'għandu l-ebda responsabilità għall-inċident li seħħ u dan kif se jirriżulta fil-mori tal-kawża u dan minħabba li l-inċident ma seħħx minħabba imperizja u negliġenza da parti tiegħu; (iii) li ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident; (iv) li m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati a favur tal-attriċi u għalhekk huwa m'għandux jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li setgħet ġarrbet l-attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, b'dana li t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra tagħha; (v) li mingħajr preġudizzju, kien hemm fatturi oħra li kkontribwew għall-inċident mertu tal-kawża li jeżoneraw u/jew jimminizzaw ir-responsabilità tiegħu u dan kif kien se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża; (vi) li mingħajr preġudizzju, il-konvenut ma jistax jinstab unikament responsabbli tal-inċident *de quo agitur* li seħħ nhar it-13 ta' Settembru, 2014 ġewwa l-Każin tal-Banda San Mikiel, Żabbar; u (vii) li fl-aħħarnett id-danni pretiżi mill-attriċi qed jiġu kkontestati, u li f'kull każ dawn iridu jiġu ppruvati peress li jrid jiġi ppruvat illi l-inċident *de quo* għandu konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti mill-

attriċi.

7. B'sentenza mogħtija fl-24 ta' Ottubru, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u kkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u erbgħa u sebgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€41,974.68) bħala danni.

8. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet hekk kienu dawn:

> *"F'kawżi ta' din ix-xorta, l-ewwel evalwazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija tad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident mill-provi prodotti quddiemha, sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm responsabbilità da parti tal-konvenut għall-akkadut, jew le. Il-Qorti evalwat id-diversi provi li kellha quddiemha, u minnhom siltet għadd ta' konklużjonijiet dwar il-verosimiljanza ta' dak li semgħet, anki minħabba għadd ta' diverġenzi li jirriżultaw mill-provi. Il-Qorti hawnhekk ser tagħmel parentesi dwar il-grad tal-prova rikjest minnha u x'inhi l-evalwazzjoni li għandha ssir minnha f'ċirkostanzi fejn hemm diverġenzi fix-xhieda prodotti quddiemha. Fis-sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak[1] intqal illi:*
>
> *Omissis*
>
> *Iggwidata minn dawn il-prinċipji, il-Qorti tqis li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-konvenut waqa' mill-gallarija ta' każin tal-banda waqt ċelebrazzjoni tal-festa u ġie fuq l-attriċi. Ma ġiex stabbilit b'ċertezza x'kien li wassal għall-waqgħa, u dwar dan hemm provi konfliġġenti minħabba li jidher li għall-bidu l-verżjoni tal-konvenut kienet li hu b'xi mod għeleb jew tilef il-bilanċ u kien għalhekk li waqa' għal isfel. Madankollu meta ttellgħu sħabu jixhdu, dawn kollha qalu l-istess ħaġa, li l-attur intrefa' mill-art u tilef il-bilanċ meta kien hemm xi ħadd li pprova jolzah. L-uffiċjal tal-Pulizija PS 1181 Eugene Caruana qal li l-ewwel verżjoni mogħtija mill-konvenut l-għada tal-inċident[2] kienet li*

[1] P.A. 30.10.2003

[2] Għalkemm il-konvenut jiċħad li hu ta xi tip ta' stqarrija lill-Pulizija l-għada tal-inċident jew fil-ġranet ta' wara, u xehed li l-unika darba li lilu kellmuh il-Pulizija kien aktar minn sena wara li seħħ l-inċident, wara li għamlet ir-rapport tagħha l-attriċi.

*ma kienx hemm terzi involuti fil-waqgħa tiegħu u li hu kien tilef il-bilanċ u konsegwenza ta' hekk waqa' għal isfel. Iżda l-qraba u l-ħbieb tal-konvenut kollha xehdu mod ieħor, u dan minkejja li ħadd minn dawn il-persuni li ttellgħu jixhdu ma kien preżenti fil-gallerija mal-konvenut fil-ħin tal-waqgħa, ħlief għal Twanny Farrugia li xehed li minkejja li kien fil-gallerija ma rax l-inċident iseħħ, u sema' mingħand in-nies li l-konvenut kien waqa' għal isfel. Anki ħu l-attriċi Ian Pisani, xehed li meta hu ltaqa' mal-konvenut l-Isptar dakinhar tal-inċident, il-konvenut kien qal li hu kien waqa' wara li għelbitu rasu.*

*Il-Qorti kkunsidrat dak li semgħet mix-xhieda li tressqu quddiemha fil-kuntest tal-video u l-istills tal-video esebiti f'din il-kawża, minn fejn jirriżulta b'mod ċar li kemm fil-gallerija kif ukoll fil-bitħa tal-każin inkwistjoni, kien hemm għadd kbir ta' nies. Jirriżulta wkoll li l-gallerija minn fejn waqa' l-konvenut hi waħda għolja madwar sular u nofs, u li dan l-inċident seta' kellu konsegwenzi ferm agħar milli fil-fatt kellu. Fl-isfond ta' dan il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar ir-responsabbilità tad-diriġenti tal-każin inkwistjoni u tal-konvenut, li bħala uffiċjal tal-każin li fih kienu qegħdin isiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, ċertament kellu juri aktar maturità u sens ta' responsabbilità fil-konfront tal-persuni li kienu qegħdin jiċċelebraw il-festa billi jassigura li jekk tħallew għadd ta' nies jitilgħu fil-gallarija, almenu dawn iġibu ruħhom b'mod dekoruż u li ma jipperikolax lil ħaddieħor. Huwa ta' tħassib kif persuna li kkonfermat li bħala kaxxier għandha rwol importanti f'għaqda bħalma hu każin tal-banda, tixhed b'mod leġġer dwar l-imġiba in ġenerali waqt l-attività inkwistjoni, tant li ssemma għal aktar minn darba li meta seħħ dan l-inċident kien hemm persuni xurbana, issemmew saħansitra d-drogi, u ngħatat l-impressjoni li l-atmosfera f'din iċ-ċelebrazzjoni partikolari kienet waħda nieqsa minn kull rażan u minn kull sens ta' proporzjon u razzjonalità. Anki li kieku l-Qorti kellha tasal temmen li verament kien hemm persuna li ppruvat tolza lill-konvenut u rnexxielha tagħmel dan tant li għelbitu għal isfel, din l-imġiba hi sintomatika ta' persuni li qegħdin jaġixxu mingħajr ebda sens ta' responsabbilità u ta' konsiderazzjoni għall-konsegwenzi li jistgħu jġibu b'għemilhom, u l-konvenut fil-kariga li jokkupa fil-każin tal-banda li kien qiegħed jorganizza ċ-ċelebrazzjoni li matulha seħħ l-inċident, kellu responsabbilità li jassigura li inċidenti bħal dawn mhux biss ma jseħħux, iżda lanqas ikun hemm lok fejn iseħħu. Il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif l-organizzaturi tal-festa ħadu ħsieb jingaġġaw numru ta' uffiċjali tas-sigurtà sabiex jissorveljaw iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-każin, iżda minn dawn l-uffiċjali kollha, sitta b'kollox, ma kien hemm ħadd għassa mal-gallarija jew inkarigat jara min kienu l-persuni li telgħu fil-gallarija u jekk kinux fi stat li jkunu hemm mingħajr ma jkunu ta' periklu għalihom innifishom u għal ħaddieħor.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen il-verżjoni mogħtija mill-konvenut dwar kif seħħet id-dinamika ta' dan l-inċident, speċjalment meta ġiet espressa konfużjoni fil-mod kif seħħew l-affarijiet, bil-konvenut jgħid li l-għada tal-inċident kien il-festa u n-nies avviċinawh u semmewlu persuna li seta' kien hu li olzah*

*u f'mument ieħor jgħid li l-għada tal-inċident hu kien għadu rikoverat l-Isptar. Il-Qorti kkunsidrat li minkejja li l-konvenut seta' weġġa' gravement wara dan l-inċident jew seta' saħansitra tilef ħajtu, u minkejja li allegatament ingħata isem ta' persuna li seta' kien hu li kkawża dan l-inċident, il-konvenut baqa' m'għamel xejn fil-konfront ta' din il-persuna, u lanqas biss ta ismu lill-Pulizija sabiex dan jiġi investigat u jiġi stabbilit hux minnu jew le li kien dan Edgar Apap li pprova jolzah u li kkawża l-waqgħa tiegħu. Lanqas ma jista' jitwemmen ix-xhud Duncan Deguara li qal li għal snin sħaħ hu ma kellu l-ebda inkontru mal-konvenut, iżda imbagħad iddeċieda li jitla' jixhed u jagħti l-verżjoni tal-fatti kif ġraw wara li b'kumbinazzjoni ltaqa' mal-konvenut fil-kurituri tal-Qorti u ddeċieda li jrid jgħin biex tiġi stabbilita l-verità.*

*Inoltre l-konvenut ipprova jixħet dubji dwar jekk l-attriċi fil-mument tal-inċident kinitx fuq l-ispallejn jew bil-wieqfa mal-art, iżda minn dak li setgħet tikkonstata l-Qorti mir-ritratti esebiti, jidher li fil-mument tal-waqgħa tal-konvenut, ma kienx hemm persuni fuq l-ispallejn f'dik il-parti tal-bitħa. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li kieku l-attriċi kienet fuq l-ispallejn u l-konvenut ġie fuqha, il-konsegwenzi ta' dan l-inċident kienu inevitabbilment ikunu ferm u ferm agħar milli kienu.*

*Hekk stabbilit li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-attriċi konsegwenza tad-danni sofferti minnha. L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:*

> *"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*
>
> *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għal ħsara li tiġri, minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."*

*Ċertament li f'din l-istanza ma kien rikjest l-ebda livell ta' prudenza, diliġenza u ħsieb barra min-normal biex il-konvenut seta' jbassar il-konsegwenza ta' għemilu f'waqgħa minn għoli ta' madwar sular u nofs għal bitħa li fiha kien hemm folol kbar ta' nies. Il-livell ta' irresponsabbilità murija f'dan l-inċident, speċjalment meta wieħed jikkunsidra r-rwol ta' responsabbiltà li l-konvenut għandu fi ħdan il-każin tal-banda fejn kienet qed issir l-attività li matulha seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kundannabbli u jattira lejh l-applikazzjoni tad-dispost tal-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:*

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

*Illi hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għall-event fortuwitu*

*li wassal għad-danni sofferti mill-attriċi, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti minnha kawża ta' dan l-inċident.*

*Damnum emergens*

*Fir-rigward tad-danni materjali sofferti, l-attriċi esebiet diversi rċevuti għal servizzi u prodotti li hi ħtiġilha tixtri konsegwenza ta' dan l-inċident, minn fejn jirriżulta ħlas ta' €216 lill-Isptar Saint James b'rabta mat-testijiet mediċi li sarulha wara l-inċident, u €71.35 għax-xiri ta' mediċini, biex b'hekk jirriżulta li d-danni materjali ppruvati mill-attriċi jammontaw għal €287.35.*

*Lucrum cessans*

*Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ li ġarrbet l-attriċi minħabba d-debilità permanenti sofferta minnha, il-Qorti jeħtiġilha tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. F'sentenza fl-ismijiet Emmeline Cini vs. Antione Cachia*[3] *, il-Qorti qalet hekk:*

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."*

*Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.*

*In vista tal-fatt li l-attriċi kien għad għandha l-età ta' 24 sena meta seħħ l-inċident, il-multiplier*[4] *adottat minn din il-Qorti ser ikun ta' 30, in linea mal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.*

*Il-Qorti kkunsidrat l-FS3 forms esebiti mill-attriċi sabiex tistabbilixxi kemm kien il-qligħ bażiku tagħha fis-sena immedjetament qabel l-inċident, li seħħ fl-2014. Għas-sena 2013 jirriżulta li l-qligħ bażiku tal-attriċi kien ta' €8,446, li meta wieħed inaqqas minnu €11 taxxa u €843.44 kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, iwassal għal dħul nett*

[3] P.A, 18.02.2013

[4] Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Emanuel Zahra vs. Patrick Vassallo, mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet dan li ġej dwar il-kunċett tal-multiplier: "Fil-kalkolu tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-life expectancy tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu 'the chances and changes of life'. Wieħed irid jeżamina l-earning capacity tal-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-chances and changes of life."

*ta' €7,591.66. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja[5] għall-perijodu kollu tal-multiplier li ser tistabbilixxi din il-Qorti, sabiex b'hekk is-salarju bażiku tal-attriċi li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €7,591.66 + €9,778.06 / 2 = €8,684.86.[6]*

*Fil-komputazzjoni tagħha l-Qorti trid tikkunsidra l-grad ta' diżabilità permanenti li ssofriet l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-industrial efficiency tagħha. F'dan il-każ, l-espert mediku maħtur mill-Qorti, kif ukoll l-espert mediku ex parte, qablu li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi hija ta' 20%, u l-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni.*

*L-ammont dovut bħala danni ikun irid jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'darba (lump sum payment) f'dawk l-istanzi fejn ikun għadda żmien qasir bejn l-event dannuż u s-sentenza finali.[7] F'kawżi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, il-Qrati tagħna jqisu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali.[8] Fiċ-ċirkostanzi odjerni l-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm fil-komputazzjoni finali tad-danni tnaqqis minħabba d-dewmien u dan minħabba li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-sena 2014, il-proċeduri nfetħu fis-sena 2015, u s-sentenza finali tal-Qorti qiegħda tingħata f'anqas minn tliet snin minn meta ġie ppreżentat ir-rikors promutur biex inbdiet din il-kawża. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi dilungar minn xi waħda mill-partijiet tul dawn il-proċeduri.*

*Is-salarju medju tal-attriċi ta' €8,684.86 multiplikat b'multiplier ta' 30, b'20% grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, jagħti l-ammont ta' €52,109.16. Dan l-ammont għandu jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa, li jwassal għal kumpens ta' €41,687.33 bħala lucrum cessans, li flimkien mal-ammont ta' danni materjali ta' €287.35, iġibu l-ammont totali ta' danni hekk kif likwidati ta' €41,974.68.*

9. Il-konvenut Jason Scicluna appella minn din is-sentenza u ressaq appell biex titħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Huwa ressaq erba'

[5] " F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe, il-Qorti stabbiliet illi "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier."

[6] . Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

[7] Scicluna vs Meilaq, P.A 16.07.2001

[8] Caruana vs Camilleri, P.A 05.10.1993

aggravji: (i) in-nullità tas-sentenza minħabba n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju; (ii) in-nullità tas-sentenza minħabba n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li titratta l-ħames eċċezzjoni tiegħu; (iii) apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli meta kkunsidrat illi anke l-appellant *qua* membru tal-każin kien responsabbli; u (iv) apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fil-kumplament tal-mertu.

10. L-attriċi Stephanie Pisani wieġbet għal dan l-appell fis-26 ta' Diċembru, 2018 u qalet hekk: (i) l-appell huwa frivolu u vessatorju u għalhekk jimmerita li din il-Qorti tapplika s-sanzjoni tad-*doppie spese* fil-konfront tal-appellant; (ii) itenni li r-rikors tal-appellant iġib 'il quddiem konsiderazzjonijiet irrelevanti u huwa biss tentattiv iddisprat sabiex dak li sfilzat l-Ewwel Qorti *ossia* n-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata *fuori termine* issa jressqu quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell, b'dana li l-għan ewlieni tal-appellant huwa li jerġa' jingħata opportunità oħra biex isewwi l-iżbalji li għamel qabel, iżda *imputet sibi*; (iii) b'referenza għall-ewwel aggravju, l-appellata ssostni li m'hemm l-ebda nullità tas-sentenza billi l-każin tal-Banda San Mikiel ma kienx responsabbli għall-inċident, iżda kien biss l-appellant; (iv) inkwantu għat-tieni aggravju tenniet li l-Ewwel Qorti m'emmnitx il-verżjoni tal-appellant u kien jinkombi fuqu li jipprova li l-inċident ma seħħx unikament tort tiegħu; (v) tkompli li t-tielet u r-raba' aggravji għandhom jiġu kkunsidrati bħala aggravju wieħed ċjoè li l-appellant qiegħed isostni li l-Ewwel Qorti ma wettqitx apprezzament tal-provi tajjeb, u l-appellata twieġeb li Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex

tindaħal sabiex tissindika l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti, iżda fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeċiedi kif għamlet.

11. Rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2023 il-partijiet straħu fuq l-atti u li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

12. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

13. Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-konvenut appellant iqajjem in-nullità tas-sentenza appellata minħabba n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju u dan billi ma ġewx kjamati fil-kawża l-Każin tal-Banda San Mikiel jew id-diriġenti tiegħu. L-appellant isostni li n-nuqqas tal-kjamat fil-kawża ta' persuna li hija meħtieġa għall-integrità tal-ġudizzju, jew li għandha interess tkun parti fil-kawża jwassal għan-nullità tal-proċeduri, anke jekk il-partijiet infushom ma staqsewx għal kjamata fil-kawża. Dan għaliex, skont l-appellant, il-Qorti stess għandha tordna l-kjamat tal-kawża *ex officio* f'dawk iċ-ċirkostanzi neċessarji. Huwa sostna li l-Każin tal-Banda San Mikiel kellu jiġi kjamat fil-kawża minħabba żewġ raġunijiet *ossia:* (i) l-appellant stess eċċepixxa permezz tal-ħames eċċezzjoni li anke kieku seta' jiġi imputat xi tort lilu, it-tort tal-inċident inkwistjoni ma kienx unikament attribwibbli lilu, iżda wkoll attribwibbli lil terzi persuni fosthom

il-Każin tal-Banda San Mikiel. Fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti qablet miegħu u kkonkludiet li d-diriġenti tal-Każin kellhom ir-responsabilità li jassiguraw li waqt li għaddejjin iċ-ċelebrazzjonijiet fil-każin ma jinħolqux sitwazzjonijiet ta' periklu għal min kien qiegħed jattendi. B'żieda ma' dan, l-appellant jgħid li ladarba l-Ewwel Qorti għamlet konklużjonijiet rigward ir-responsabilità tal-Każin jew tad-diriġenti tiegħu għall-inċident, isegwi li dawn kellhom jissejħu fil-kawża sabiex ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom u jagħtu l-verżjonijiet tagħhom qabel ma jgħaddi in ġudizzju l-kontribut tagħhom għall-inċident inkwistjoni. Billi s-sejħa għall-kjamat fil-kawża tista' ssir biss fil-Qorti tal-Ewwel Grad, l-appellant issottometta li din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex tkun tista' ssir il-kjamata fil-kawża meħtieġa.

14. Illi l-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi ssostni li l-Każin tal-Banda San Mikiel ma kienx responsabbli għall-inċident, iżda kien biss l-appellant. Filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti *ex officio* setgħet ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Każin jew terza persuna oħra dan m'għamlitux għaliex ma ħassitx illi kien hemm bżonn. B'żieda ma' dan, l-appellant kellu kull opportunità li jitlob il-kjamata fil-kawża huwa stess. Tkompli li mhux minnu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-Każin kellu xi responsabilità għall-inċident iżda għamlet biss ċertu osservazzjonijiet billi l-inċident seħħ ġewwa l-Każin.

15. Illi din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn tqis li dan l-aggravju huwa wieħed

fieragħ. Jeħtieġ qabel xejn jiġu puntwalizzati xi punti. Huwa minnu li l-**Artikolu 961 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li s-sejħa fil-kawża ta' terz tista' ssir biss fil-Qorti tal-Ewwel Grad. Huwa minnu wkoll li l-intimat appellant permezz tal-ħames eċċezzjoni tiegħu eċċepixxa, mingħajr preġudizzju, li kien hemm fatturi oħra li kkontribwew għall-inċident inkwistjoni li jeżoneraw u/jew jimminimizzaw ir-responsabilità tiegħu, u kompla li fil-fatt kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-appellata. Għalhekk kuntrarjament għal dak minnu miktub fir-rikors tal-appell minn imkien ma jirriżulta li huwa semma b'mod speċifiku lill-Każin tal-Banda San Mikiel fit-tweġiba maħlufa tiegħu.

16. Tajjeb jiġi riaffermat li hekk kif ġie mtenni minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2009 fl-ismijiet ***Stephen Francica v. Mary Rose Francica***, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju hija eċċezzjoni ta' natura dilatorja (***George u Miriam konjuġi Borg et v. Paola Tabone***, Qorti tal-Appell, deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2009; ara wkoll is-sentenza ***Marthese Briffa v. Victor Attard***, Prim'Awla, deċiża fis-27 ta' Novembru, 2003). Din l-eċċezzjoni trid tingħata *in limine litis* u għalhekk japplika l-**Artikolu 728 tal-Kap. 12**. Il-konvenut appellant ma ressaqx din l-eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tiegħu u mill-atti ma jirriżultax li sar rikors mill-konvenut appellant sabiex il-Qorti tippermetti li ssir din l-eċċezzjoni fit-termini tas-**subartikolu (2) tal-Artikolu 728**. Jingħad ukoll li madankollu, il-Qrati tagħna tennew li l-liġi ma tikkominax in-nullità tal-atti minħabba n-nuqqas ta' tħarrik ta' terz interessat. Kieku ma kienx hekk

il-każ ma kien ikun hemm qatt lok għall-intervent fil-kawża "*in statu et terminis*" f'kull waqt tagħha, anke fl-istadju tal-appell jew għas-sejħa fil-kawża ta' persuna (***Vincent Agius pro et v. Mario Borg et***, Prim'Awla, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003).

17. L-appellant jikkummenta li l-Ewwel Qorti qablet miegħu li d-diriġenti tal-Każin tal-Banda San Mikiel kellhom ir-responsabilità li jassiguraw li waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ma jinħolqux perikli, u għamlet konklużjonijiet rigward ir-responsabilità tal-Każin jew tad-diriġenti tiegħu, u għalhekk isegwi li l-Ewwel Qorti kellha tordna l-kjamata fil-kawża tagħhom hija stess.

18. Hekk kif wieġbet l-appellata fir-risposta tagħha, l-Ewwel Qorti ma attribwiet l-ebda responsabilità għall-inċident mertu tal-appell lill-Każin tal-Banda San Mikiel jew lil xi diriġenti oħra tiegħu. L-Ewwel Qorti ħasset li, wara li għexet il-proċess u wara li rat il-vidjo eżebit, tikkummenta b'mod ġenerali dwar ir-responsabilità tad-diriġenti tal-każin u tal-konvenut, fil-konfront tal-persuni li jidħlu fil-każin għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa, sabiex ikun hemm ambjent li mhux ta' periklu għal min ikun preżenti. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti ssemmi wkoll il-gallarija li huwa proprju l-lok minn fejn waqa' l-konvenut appellant, iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti attribwit responsabilità tal-inċident lill-istess Każin tal-Banda jew lil xi diriġenti. Huwa evidenti li l-Ewwel Qorti ma sabitx dak in-ness ta' kawżalità meħtieġ sabiex jiġi imputat xi tort lill-Każin jew lil xi diriġent tal-

istess każin għall-inċident mertu ta' dan l-appell.

19. Ta' rilevanza huwa dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Zest Promotions Ltd et v. Noel Magri***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), deċiża fit-23 ta' Ġunju, 2004,

> *"Kwantu għall-ewwel aggravju jiġi osservat illi kieku l-każ kien kif prospettat mill-appellant, l-eħfef soluzzjoni għalih kienet dik li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-membri l-oħra tal-bord organizzattiv u mhux joqgħod passiv biex minn fuq jippretendi li din il-fakoltà teżerċitaha l-Qorti minfloku. Huwa veru li skont l-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 il-Qorti kienet fakoltizzata tikkjamahom fil-kawża anke mingħajr ebda talba da parte tal-konvenut. Dan però jissuċċiedi fil-każ li l-Qorti tirrikonoxxi n-neċessità ta' sejħa bħal din għall-integrazzjoni u ekonomija tal-ġudizzju. F'dan il-każ iżda l-ewwel Qorti, bir-raġun, aċċertat ruħha fuq ir-riżultanzi proċesswali illi l-membri l-oħra la kellhom interess fil-meritu u ma kienux persuni idonei li setgħu jintlaqtu, avversament jew le, bl-eżitu tal-kawża."*

20. Ta' interess ukoll dak li kkonkludiet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet ***Avukat Peter Caruana Galizia et v. Yorgen Fenech et***:

> *"Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni. Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilità fuq terzi minnu indikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista' tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, però l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan.*
>
> *Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. "Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-reperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob" – Xuereb v. Borg et, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux."*

21. B'żieda ma' dan, jingħad li l-konvenut appellant kellu kull opportunità li jressaq talba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tikkunsidra li, jekk kif qiegħed isostni huwa issa, il-Każin tal-Banda u/jew diriġenti tiegħu kellhom xi responsabilità għall-inċident, dawn jissejħu fil-kawża. Minflok għażel li ma jagħmilx dan. Din il-Qorti temmen li dan m'għamlux għaliex bħala fatt huwa ma kienx qiegħed iressaq il-linja difensjonali tiegħu b'tali mod li tintefa' xi ħtija għall-inċident fuq il-każin jew diriġenti tiegħu. Tant dan huwa minnu li x-xhieda mressqa minnu, xehdu li l-konvenut mill-ewwel qalilhom li huwa waqa' mill-gallarija għaliex xi ħadd ipprova jerfgħu, mentri wħud jgħidu li raw lill-attriċi fuq l-ispalla u li raw lil ħuha u l-għarus tagħha jixxekkjawha wara l-inċident. Għalhekk il-konvenut kien qiegħed jittenta jatribwixxi kontributorjetà lil terz mhux magħruf u lill-istess attriċi.

22. Għalhekk dan l-aggravju mhux mistħoqq u qiegħed jiġi miċħud.

23. Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, il-konvenut appellant isostni li s-sentenza appellata hija nulla minħabba n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li titratta l-ħames eċċezzjoni tiegħu u ċ-ċaħda tagħha u dan meta l-Ewwel Qorti esprimiet il-fehma li l-Każin tal-Banda kellu tort, jew almenu parti mit-tort, għall-akkadut. Din l-eċċezzjoni tolqot aspett fundamentali għad-difiża tiegħu u ċjoè r-responsabilità tiegħu għad-danni mġarrba mill-attriċi. Huwa jisħaq li n-nuqqas tal-Qorti li titratta l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu jissarraf f'sentenza inġusta u jagħti lok għall-annullament tagħha.

24. Illi l-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li l-Ewwel Qorti m'emmnitx il-verżjoni tal-appellant dwar kif seħħ l-inċident għaliex kien l-appellant stess li ta diversi verżjonijiet dwar dak li seħħ dakinhar tal-inċident u ressaq xhieda li lanqas biss raw l-inċident iseħħ.

25. Hekk kif jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Joseph Sammut et v. Carmelo Scerri et***, deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020,

> *"il-ħtieġa li kull sentenza tal-Qrati tkun motivata, tirrifletti wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja naturali, li jinkludi li meta tingħata deċiżjoni, tirriżulta r-raġuni l-għala tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra. Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostituttiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet ghal dik id-decizjoni. Il-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-Qorti toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha, iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż. Dan sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti fis-sentenza tagħha, ma tkunx kontradittorja mal-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet. Jekk minn qari ta' sentenza jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwestjonijiet rilevanti, dan ma jwassalx biex is-sentenza mogħtija tkun milquta min-nullità. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet* **Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et***)."*

26. Din il-Qorti fis-sentenza msemmija fil-paragrafu preċedenti fissret ukoll li:

> *"15. Jirriżulta paċifiku li l-pronunċja tal-Qorti fuq talba jew eċċezzjoni tista' tkun ukoll impliċita – ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Ġunju, 2014, fl-ismijiet:* **Lloyds (Malta) Limited et v. Air Malta plc***, fejn ingħad: "Illi ssir riferenza għall-kawża deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ġunju 19461 fejn intqal is-segwenti:*
>
> > *"Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew-meta l-liġi ma tirrikjedix diversament-fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun impliċita. U dan jiġri meta din il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja*

*espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun giet meħuda in konsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċita milqugħa jew miċħuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispozizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat il-pronunċja tagħha."*

*Omissis*

*16. Inoltre huwa ritenut, li l-prinċipju li jirriżulta mill-provvediment fl-Artikolu 218, mhux xi wieħed assolut, in kwantu, kif ritenut: "in-nullità ta' sentenza m'għandhiex tiġi attiża jekk is-sentenza tkun sostanzjalment ġusta". (Vol XXX pI p953)."*

27. Iggwidata minn dawn l-insenjamenti, din il-Qorti m'għandha xejn x'tiċċensura lill-Ewwel Qorti. Huwa ovvju minn qari tas-sentenza li l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha qieset b'reqqa x-xhieda u l-provi kollha li tressqu quddiemha u qisithom. Diġà ngħad li mhux minnu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-Każin tal-Banda kellu xi responsabilità għall-inċident. Il-fatt li kkummentat li meta jkun hemm ċelebrazzjonijiet ġewwa l-każin, id-diriġenti għandhom jagħmlu ċert li ma jinħolqux sitwazzjonijiet ta' periklu inkluż fil-gallarija ma jfissirx li għall-inċident inkwistjoni kien jaħti l-każin tal-banda jew xi diriġent tiegħu. Il-fatt ukoll li l-Ewwel Qorti ma qablitx mat-teżi tal-konvenut appellant, ma jfissirx li ma qisitx l-eċċezzjoni tiegħu. L-Ewwel Qorti kienet ċara ħafna fir-raġunijiet li tat u mingħajr tidwir ta' kliem qalet li hija m'emmnitx il-verżjoni mogħtija mill-konvenut dwar kif seħħet id-dinamika tal-inċident, u dan fi kliemha stess "*speċjalment meta ġiet espressa konfużjoni fil-mod kif seħħew l-affarijiet, bil-konvenut igħid li l-għada tal-inċident kien il-festa u n-nies avviċinawh u semmewlu persuna li seta' kien hu li olzah u f'mument ieħor igħid li l-għada tal-inċident hu kien għadu rikoverat l-isptar".* L-Ewwel

Qorti għamlet konsiderazzjonijiet oħra li juru kemm qieset il-ħames eċċezzjoni ċjoè li għalkemm il-konvenut allegatament ingħata isem ta' terza persuna, li skontu kkawża dan l-inċident, huwa baqa' ma' għamel xejn fil-konfront ta' din il-persuna. Il-konvenut appellant fix-xhieda tiegħu qal li m'għamel xejn għaliex la ma rax, huwa ma kienx ċert; iżda lanqas ħaġa li seta' jagħmel kien li jkellem lill-Pulizija sabiex ikun hemm xi tip ta' investigazzjoni. Ikkunsidrat il-fatt li l-konvenut appellant seta' miet kawża tal-waqa' kien ikun mistenni li, jekk verament kien hemm terz involut, li huwa nnifsu jmur jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija sabiex ikun hemm investigazzjoni sabiex jiġi determinat min olzah!

28. L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-konvenut appellant beda jsostni u jinsisti li l-attriċi kienet fuq l-ispallejn meta huwa laqatha. L-Ewwel Qorti qalet li minn dak li setgħet tikkonstata mir-ritratti eżebiti deher li fil-mument tal-waqgħa tal-konvenut ma kienx hemm persuni fuq l-ispallejn f'dik il-parti tal-bitħa. L-Ewwel Qorti żiedet, u din il-Qorti taqbel magħha, illi li kieku l-attriċi kienet fuq l-ispallejn u l-konvenut ġie fuqha, il-konsegwenzi ta' dan l-inċident kienu jkunu ferm agħar milli kienu. B'hekk il-Qorti wara li skartat il-linja difensjonali ta' kontributorjetà ta' terz jew terzi kkonkludiet li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut.

29. Għaldaqstant anki dan it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

30. Illi <u>t-tielet u r-raba' aggravji</u> tal-konvenut appellant se jiġu

mistħarrġa f'daqqa għaliex jidħlu f'xulxin. Il-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli: (i) meta kkunsidrat li anke l-appellant *qua* membru tal-każin kien responsabbli; u (ii) anki fil-kumplament tal-mertu. Fis-sustanza l-appellant qiegħed jattakka l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li l-Ewwel Qorti għamlet biex tara liema verżjoni se temmen u toqgħod fuqha.

31. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża u qiegħda tasal għall-istess fehma li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

32. Il-konvenut appellant jirreferi għal bran speċifiku mis-sentenza tal-Ewwel Qorti li fuqu bbaża t-tielet aggravju tiegħu. Huwa qal hekk:

> *"...l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljat ukoll meta kkunsidrat illi.....l-konvenut fil-kariga li jokkupa fil-każin tal-Banda li kien qiegħed jorganizza ċ-ċelebrazzjoni li matulha seħħ l-inċident, kellu responsabilità li jassigura li inċidenti bħal dawn mhux biss ma jseħħux iżda lanqas ikun hemm lok fejn iseħħu."*

33. L-appellant ikompli jfisser it-tielet aggravju billi jissottometti li mir-rikors promotur huwa ċar li ma kinitx qiegħda tiġi prospettata imputazzjoni ta' responsabilità da parti tiegħu bħala kaxxier tal-Każin, iżda f'ismu personali. Minn imkien ma rriżulta mill-provi li fil-kariga tiegħu ta' kaxxier huwa kellu xi poter jew responsabilità li jiskansa l-akkadut. Huwa ma kellux x'jaqsam fl-organizzazzjoni tal-attività u xi jsir matulha. Iżid li ladarba l-azzjoni attriċi ma kinitx tirrigwarda r-responsabilità tiegħu bħala

kaxxier tal-Każin huwa ma ressaqx provi fis-sens li l-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet ma kinitx taqa' taħt ir-responsabilità tiegħu u għalhekk, fil-fehma tiegħu, il-Qorti ddeċidiet *oltre* l-azzjoni kif impustata mill-appellata.

34. Ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell, f'sentenza tat-12 ta' Lulju, 1965, fl-ismijiet ***Joseph Gatt v. Joseph Galea*** li:

> "*F'okkażjonijiet oħra din il-Qorti ssenjalat il-prinċipju magħruf illi l-Imħallef Ċivili għandu, fl-għoti tas-sentenzi f'kawżi joqgħod rigorożament fl-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruħu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, minn naħa l-oħra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat li jirrileva ex officio.*"

35. Bla ebda dubju l-attriċi ħarrket lill-konvenut appellant fil-vesti personali tiegħu. Filwaqt li kif diġà ngħad aktar 'il fuq, l-Ewwel Qorti għamlet xi konsiderazzjonijiet li r-rwol tad-diriġenti tal-Każin tal-Banda, f'ċirkostanzi fejn ikun hemm ċelebrazzjonijiet b'ħafna nies ġewwa l-każin, għandu jiġi assikurat id-dekor u l-ħarsien tas-sigurtà ta' kull min ikun qiegħed ġewwa u l-konvenut issemma wkoll, però dawn il-kummenti kienu intiżi biex ikunu aktar ta' kritika u gwida milli ħaġa oħra. Infatti, il-bran li ċċita l-konvenut appellant, konvenjentement u malizzjożament, ittieħed barra mill-kuntest għaliex qabel dak il-bran l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti: "*Anki li kieku l-Qorti kellha tasal temmen li verament kien hemm persuna li ppruvat tolza lill-konvenut u rnexxielha tagħmel dan tant li għelbitu għal isfel, din l-imġiba hi sintomatika ta' persuni li qegħdin jaġixxu*

*mingħajr ebda sens ta' responsabilità u ta' konsiderazzjoni għall-konsegwenzi li jistgħu jġibu b'egħmilhom, u l-konvenut fil-kariga li jokkupa fil-każin tal-banda li kien qiegħed jorganizza ċ-ċelebrazzjoni li matulha seħħ l-inċident, kellu responsabilità li jassigura li inċidenti bħal dawn mhux biss ma jseħħux, iżda lanqas ikun hemm lok fejn iseħħu."* Huwa ċar li l-Ewwel Qorti bdiet is-sentenza billi mill-ewwel qiegħda turi dubji tagħha dwar il-verżjoni mogħtija mill-konvenut appellant li huwa waqa' għaliex ġie olzat minn xi ħadd. Fil-fatt aktar 'il quddiem fis-sentenza teskludi din il-possibilità. Huwa ovvju li, fi ftit kliem, l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tipprova twassal il-messaġġ li minn persuna li jokkupa kariga fil-każin kien mistenni aħjar kemm bħala l-mod kif xehed b'mod leġġer quddiemha, kif ukoll l-aġir tiegħu waqt l-istess attivitajiet. Ir-raġuni hija ovvja u ċjoè li l-imġiba raġjonevoli u dekoruża għandha tibda minn fuq, f'dan il-każ mid-diriġenti tal-każin, huma min huma u jokkupaw liema kariga jokkupaw.

36. Illi inkwantu għall-apprezzament li wettqet l-Ewwel Qorti dwar id-dinamika tal-inċident, din il-Qorti tqis li żgur li ma jistax jingħad li l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti kienet xi waħda rraġjonevoli jew li ma setgħetx tasal għaliha.

37. Ibda biex għandu jingħad li rriżulta mill-provi u xhieda prodotti, li l-attriċi kienet flimkien mal-għarus tagħha Stefan Said u ħbieb u familjari tagħhom ġewwa l-bitħa tal-Każin tal-Banda San Mikiel waqt iċ-

ċelebrazzjonijiet tal-festa tar-raħal. Il-konvenut appellant kien fil-gallarija tal-istess każin, liema gallarija tagħti għal ġewwa l-bitħa.

38. Kemm l-attriċi appellata u l-konvenut appellant jixhdu li xorbu xorb alkoħoliku imma mhux b'mod eżaġerat. L-attriċi tixhed ukoll li f'xi mumenti kienet fuq l-ispallejn iżda fil-ħin li l-konvenut appellant waqa' mill-gallarija u laqatha hija kienet mal-art u mhux fuq l-ispallejn. Din il-Qorti rat il-vidjo u l-*istills* eżebiti u wara li ħadet inkonsiderazzjoni wkoll ix-xhieda mressqa mill-partijiet, bħall-Ewwel Qorti, tikkonkludi li l-attriċi ma kinitx fuq l-ispallejn meta l-konvenut appellant laqatha.

39. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti wkoll tikkonkludi li ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi, li kien hemm involviment ta' terzi persuni sabiex il-konvenut waqa' mill-gallarija għal isfel u r-responsabilità tal-inċident hija biss tal-konvenut appellant. Hekk kif ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Middlesea p.l.c v. Joseph Zaffarese***, deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009,

> *"Hi disposizzjoni espressa tal-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili illi jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1)]. Hu spjegat mill-awturi illi 'negligenza, infatti, altro non è se non assenza di diligenza, imprudenza è intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze."*

40. Din il-Qorti se tirreferi għal dak li l-konvenut appellant qal lill-għarus tal-attriċi Stefan Said meta ltaqgħu l-Isptar Mater Dei dakinhar stess meta

seħħ l-inċident. Jason Scicluna qal lil Stefan Said, li kienet għelbitu rasu. Ħu l-attriċi, Ian Pisani, jikkonferma li sema' dan id-diskors. Dawn ix-xhieda ma ġewx kontro-eżaminati. Mhux biss, iżda fl-affidavit tiegħu stess, il-konvenut appellant jikkonferma li qal dan id-diskors lil Stefan Said u jgħid li qallu hekk biex ma jinqalax ġlied. Fil-fehma tal-Qorti din mhi xejn ħlief skuża pwerili għaliex dak il-ħin ma kinux għadhom fuq il-post; u jekk kif verament sostna huwa kien hemm terz involut sa dak il-ħin, dejjem skont il-verżjoni tiegħu, lanqas kien jaf min kien dan it-terz u allura x'inkwiet kien se jinqala'? Aktar kien hemm il-possibilità li meta qallu hekk, seta' kien hemm xi tip ta' reazzjoni fil-konfront tiegħu stess! Magħdud ma' dan, din il-verżjoni hija diffiċli biex titwemmen meta l-istess konvenut appellant lanqas mar jirrapporta l-akkadut għaliex li kieku xi ħadd, bl-aġir tiegħu, jitfa' lil persuna oħra minn fuq għal isfel u bil-konsegwenzi kollha li seħħew wara, rapport lill-Pulizija kien ikun doveruż.

41. Mhux hekk biss, din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar l-asserzjonijiet inveritjieri li saru fir-rikors tal-appell tal-konvenut appellant. Kuntrarjament għal dak indikat minnu, kważi ħadd mix-xhieda mressqa minnu ma raw l-inċident kif seħħ, iżda qalu li meta staqsew lill-konvenut eżatt wara li waqa': huwa qalilhom li xi ħadd olzah u huwa għeleb għal isfel. Kien biss Charlot Desira li xehed li ra lil Jason Scicluna jissussa ruħu u rah jegħleb. Rah jipprova jżomm mal-puġġaman u waqa' għal isfel. Dan ix-xhud li kien fil-bitħa jixhed li bil-kelma jissussa jrid ifisser li xi ħadd ipprova jerfa' lill-konvenut appellant. Mill-*istills* eżebiti huwa ferm

inverosimili li dan ix-xhud seta' verament jara dak li kien qiegħed jiġri minn wara l-ħadid tal-gallarija meta l-gallarija kienet mifqugħa bin-nies.

42. Stabbilit dan, irriżulta wkoll li kawża tal-fatt li l-konvenut appellant laqat lill-attriċi appellata hija sofriet ġrieħi gravi hekk kif irriżulta mill-provi prodotti. Hija ġarrbet ksur f'għonqha u fir-rapport tal-espert mediku, Mr Carmel Sciberras, dan iċċertifika li l-attriċi appellata għandha 20% diżabilità.

43. Illi l-konvenut appellant jasserixxi wkoll li dan l-inċident kompla jaggrava ruħu minħabba l-fatt u minħabba tortijiet imputabbli wkoll lill-appellata u ħbieb u familjari tagħha. Għal darb'oħra l-konvenut appellant jerġa' jsemmi li l-attriċi appellata kienet fuq l-ispalla meta huwa waqa' mill-gallarija għal isfel u laqatha. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal aktar 'il fuq dwar din l-asserzjoni. Barra minn hekk ikompli, li wara li ntlaqtet minnu, minflok l-appellata ingħatat il-kura meħtieġa u professjonali hija ġiet mċaqalqa vjolentement u dan skontu żgur ikkaġunalha ħsarat f'dak il-mument kritiku u partikolari.

44. Filwaqt li kien hemm xi xhieda mressqa mill-konvenut, li min qal li kien ħu l-attriċi u min qal li kien l-għarus tagħha, li wara li ntlaqtet, bdew iċaqalquha. Saħansitra x-xhud Duncan Deguara jgħid li l-attriċi ċaqalqet ġisimha kollu wara li ntlaqtet. Ix-xhieda mressqa mill-attriċi jiċħdu li dan ġara. Lil hinn minn dan kollu, li huwa żgur huwa li l-attriċi appellata ttieħdet

fi ftit minuti fuq l-idejn minn Stefan Said fl-Isptar Saint James u wara xi testijiet ittieħdet Mater Dei b'ambulanza. Waqt il-proċeduri ttellgħu jixhdu l-professjonisti li ħadu ħsieb jikkuraw lill-attriċi, ġie ppreżentat rapport ta' professjonist *ex parte* u ġie anke nominat espert mill-Qorti. Mill-atti jirriżulta li sar il-kontro-eżami ta' Mr Joseph Borg, il-kirurgu li opera lill-attriċi, u ma ġiex mistoqsi jekk il-fatt li l-attriċi ċċaqalqet jew jekk ġietx ixxekkjata kellux xi impatt fuq il-ħsara li saritilha. Lanqas lil Mr Carmel Sciberras, l-espert tal-Qorti, ma sarulu mistoqsijiet in kontro-eżami f'dan is-sens. Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tqis li l-verżjoni attriċi kienet ferm aktar kredibbli, ma tistax ma tikkummentax li dan l-argument huwa tentattiv fjakk sabiex il-konvenut appellant jipprova jeħles mill-obbligi tiegħu.

45. Fl-aħħarnett, il-konvenut appellant ikkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi rrileva li l-appellata minn dejjem kellha problemi f'daharha u li anke għamlet operazzjoni tal-iskoljożi fil-passat fejn fil-fatt waħda miċ-ċikatriċi li għandha taħbat maċ-ċikatriċi antika ta' din l-operazzjoni. Il-konvenut appellant tefa' dan il-kumment mingħajr ma qajjem aggravju *ad hoc* inkwantu għal-likwidazzjoni tad-danni li saret mill-Ewwel Qorti.

46. Din il-Qorti tqis li dan il-kumment huwa wkoll kumment frivolu, tenut kont li l-konvenut appellant la eskuta lill-espert nominat u lanqas talab għall-ħatra ta' Periti addizzjonali (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 2022, fl-ismijiet ***David Brincat et v. Francis Sammut et***).

Ġaladarba l-konvenut appellant ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tiegħu sabiex jirribatti r-rapport tal-espert nominat mill-Ewwel Qorti u lanqas talab għall-ħatra ta' periti addizzjonali, ma tara xejn żbaljat fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tadotta l-imsemmi rapport mediku - li ħa konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-attriċi kienet sottoposta snin qabel għal operazzjoni tal-iskoljożi iżda li qatt ma kellha problemi b'għonqha - billi ma kien hemm xejn irraġonevoli fil-konklużjoni milħuqa minnu.

47. Din il-Qorti tqis li m'hemmx raġuni għalfejn għandha tiddisturba l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti, li fl-aħħar mill-aħħar wara li din il-Qorti fliet l-atti tqis li kienet konklużjoni li setgħet tasal għaliha.

48. Għaldaqstant dawn l-aggravji qegħdin jiġu miċħuda.

49. Din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li hija taqbel mal-appellata li dan l-appell huwa kemm fieragħ għaliex l-aggravji mressqa minnu huma għalkollox ħżiena, kif ukoll vessatorju għaliex dan l-appell tressaq biss biex idewwem lill-appellata milli tieħu dak li ħaqqha. Jixraq għalhekk li l-appellant iħallas spejjeż għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

l-appell ta’ Jason Scicluna u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dana li huwa għandu jħallas l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għal darbtejn minħabba li nstab li dawn il-proċeduri huma tabilħaqq fiergħa u vessatorji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr